Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni

Pubblikazzjoni ta' post vakanti għall-kariga ta' Kap tar-Rappreżentanza fil-Lussemburgu

(Aġent Temporanju – grad AD13)

(L-Artikolu 2(b) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea)

COM/2026/10482

Min aħna

Il-Kummissjoni Ewropea qed torganizza proċedura tal-għażla esterna għal aġent temporanju biex jimla l-kariga ta' Kap tar-Rappreżentanza fil-Lussemburgu. Il-pożizzjoni hija bbażata fil-Lussemburgu. Ir-rappreżentanza hija parti mid-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni (Direttorat C, "Rappreżentazzjonijiet u Komunikazzjoni fl-Istati Membri").

Id-DĠ Komunikazzjoni (DĠ COMM), bħala servizz ta' komunikazzjoni korporattiva li jirrapporta lill-President, jippromwovi l-prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni Ewropea u jikkontribwixxi biex iqarreb l-Ewropa lejn iċ-ċittadini.

Ir-Rappreżentanzi – bħala parti mid-DĠ COMM - huma l-għajnejn, il-widnejn u l-vuċi tal-Kummissjoni fuq il-post fl-Istati Membri kollha tal-UE.

Ir-Rappreżentanzi jirrappreżentaw lill-Kummissjoni fl-Istat Membru: Huma jesprimu l-fehmiet tal-Kummissjoni lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, lill-parlamenti, liċ-ċittadini u oħrajn.

Appoġġ lill-Membri tal-Kulleġġ: Dawn jgħinu biex iż-żjarat tal-Kummissarji fl-Istati Membru jkunu ta' suċċess billi jorganizzaw laqgħat u jkopruhom bil-media, jipprovdu briefing dwar l-aħħar żviluppi politiċi u jiżguraw segwitu għalihom.

Informazzjoni u analiżi politika u ekonomika: Ir-rappreżentanzi jirrapportaw dwar l-iżviluppi politiċi u ekonomiċi fl-Istati Membri u jipprovdu lill-President u lill-Kulleġġ b'informazzjoni aġġornata dwar ix-xejriet u l-avvenimenti li jseħħu madwar l-UE.

Ħidma mal-media nazzjonali, reġjonali u lokali: Flimkien mas-Servizz tal-Kelliem, ir-Rappreżentanzi jagħtu informazzjoni lill-ġurnalisti dwar il-prijoritajiet u l-ħidma tal-Kummissjoni, jorganizzaw konferenzi stampa, jirrispondu għall-mistoqsijiet u jiċċaraw l-affarijiet meta dan ikun meħtieġ. Huma jadattaw il-messaġġ tal-Kummissjoni għall-ħtiġijiet lokali.

Kuntatt maċ-ċittadini: Ir-Rappreżentanzi huma ċ-ċentru tal-informazzjoni dwar l-UE fl-Istati Membri. Huma jikkomunikaw, jikkoordinaw il-ħidma tan-networks ta' informazzjoni u jinteraġixxu maċ-ċittadini - kemm fiżikament kif ukoll permezz tal-media soċjali.

X'qegħdin nipproponu

Il-funzjoni ta' Kap tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea fil-Lussemburgu.

Ir-responsabbiltajiet jinkludu:

- l-aġir bħala Kelliem għall-Kummissjoni fl-Istat Membru ospitanti;
- l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġija għall-ispjegazzjoni u l-bini ta' appoġġ għall-politiki tal-Kummissjoni, inkluż f'livell għoli;
- l-iżvilupp u l-ġestjoni ta' kampanji ta' komunikazzjoni lokali f'kooperazzjoni mill-qrib mat-timijiet tad-DĠ COMM fil-Kwartieri Ġenerali f'konformità mal-prijoritajiet ta' komunikazzjoni tal-Kummissjoni;
- il-monitoraġġ u r-rapportar dwar l-iżviluppi politiċi, ekonomiċi u soċjali;
- il-ġestjoni strateġika tal-attivitajiet tar-Rappreżentanza inkluż ir-riżorsi umani u finanzjarji tagħha, filwaqt li jiġu żgurati l-koerenza u l-kompatibbiltà tagħhom mal-prijoritajiet ta' komunikazzjoni tal-Kummissjoni, f'konformità mal-objettivi annwali;
- tmexxija tan-networks ta' informazzjoni tal-Kummissjoni fl-Istat Membru ospitanti;
- il-koordinament tal-kooperazzjoni mal-Uffiċċju ta' Kollegament tal-Parlament Ewropew.

Il-Kap tar-Rappreżentanza jissorvelja l-aspetti kollha tar-Rappreżentanza u jaġixxi bħala Uffiċjal Awtorizzanti b'Sottodelega (AOSD); il-pożizzjoni hija għalhekk meqjusa bħala "sensittiva". It-tul tal-mandat huwa inizjalment limitat għal 3 snin bil-possibbiltà ta' estensjoni waħda ta' massimu ta' sentejn.

X'qegħdin infittxu (il-kriterji tas-selezzjoni)

Il-kandidati għandu jkollhom:

Kwalitajiet Personali

- Kapaċità qawwija li jiżviluppaw relazzjonijiet ta' ħidma pożittivi u kollaborattivi ma' sħab u ma' partijiet ikkonċernati interni u esterni f'livell għoli
- Ħiliet eċċellenti ta' komunikazzjoni u ta' rappreżentanza
- Ħila ppruvata li tidentifika l-prijoritajiet, tfassal linji ta' azzjoni u tirreaġixxi malajr għal ċirkostanzi li jinbidlu malajr

Ħiliet u esperjenza speċjalizzati

- Għarfien eċċellenti tal-prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni u tar-relazzjonijiet interistituzzjonali
- Vantaġġ kbir: esperjenza professjonali miksuba fil-qasam tal-komunikazzjoni, il-media jew l-affarijiet politiċi u ekonomiċi, inkluż il-parteċipazzjoni f'negozjati f'livell għoli jew f'livell politiku jew fit-tħejjija tagħhom, u network rilevanti fl-Istat Membru ospitanti
- Fehim taċ-ċirkwiti amministrattivi u finanzjarji fil-Kummissjoni
- Għarfien eċċellenti tas-sitwazzjoni politika u tal-media fil-pajjiż ospitanti

Ħiliet fil-maniġment

- Kapaċità li jikkooperaw mill-qrib minkejja d-distanzi ġeografiċi
- Kapaċità li jmexxu u jimmotivaw tim multidixxiplinari u multikulturali f'ambjent politiku kumpless
- Kapaċità li jistabbilixxu u jaġġustaw l-objettivi tar-Rappreżentanza f'konformità mal-azzjonijiet ewlenin ta' Komunikazzjoni tal-Kummissjoni
- Kapaċità li jiddefinixxu l-prijoritajiet u jiffokaw fuqhom, isegwu u jevalwaw ix-xogħol biex jintlaħqu l-objettivi

- Kapaċità li jirreklutaw u jżommu persunal ikkwalifikat

Kundizzjonijiet ta' ammissjoni (ir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà)

Il-kandidati jridu jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 12 tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea (CEOS)[1].

Il-kandidati jiġu kkunsidrati għall-fażi tas-selezzjoni fuq il-bażi tar-rekwiżiti formali li ġejjin biss, li jridu jiġu ssodisfati **sa meta jagħlqu l-applikazzjonijiet**:

- Nazzjonalità: il-kandidati jridu jkunu ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

- Lawrja jew diploma universitarja: il-kandidati jrid ikollhom:

  - jew livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma u ċċertifikati b'diploma, meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' 4 snin jew aktar;

  - inkella livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ċċertifikati b'diploma u esperjenza professjonali xierqa ta' minn tal-anqas sena (1) meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun minn tal-anqas 3 snin (din is-sena ta' esperjenza professjonali ma tistax tkun inkluża fl-esperjenza professjonali postgradwatorja meħtieġa hawn taħt).

  Għandhom jitqiesu biss diplomi li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li jkunu s-suġġett ta' ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġin mill-awtoritajiet ta' wieħed minn dawn l-Istati Membri.

- Esperjenza professjonali: Fid-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet stabbilita b'dan l-avviż, il-kandidati jeħtieġ juru, minbarra l-kwalifiki mitluba hawn fuq, esperjenza professjonali ta' mill-inqas 15-il sena, li jkunu kisbu wara li jkunu kisbu d-diploma meħtieġa għall-ammissjoni għall-proċedura tal-għażla[2]. Minn dawn il-15-il sena, mill-anqas 4 snin iridu jkunu f'karigi maniġerjali. Il-kandidati għandhom jindikaw b'mod ċar fil-*curriculum vitae* (1) it-titlu u r-rwol tal-kariga maniġerjali li kellhom u (2) l-għadd ta' persunal li kien jaqa' taħthom f'dawn il-karigi għas-snin kollha li matulhom tkun inkisbet l-esperjenza maniġerjali.

- Lingwi: Skont il-punt (e) tal-Artikolu 12(2) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għal Aġenti Oħra, il-kandidati jrid ikollhom għarfien tajjeb ta' waħda mil-lingwi tal-UE[3] u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa oħra tal-UE.

  Biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tas-servizz, hija meħtieġa l-kapaċità li wieħed jaħdem bil-lingwi uffiċjali tal-pajjiż ospitanti bil-Franċiż, bil-Ġermaniż u bil-Lussemburgiż[4].

- Età massima: Il-kandidati jridu jkunu jistgħu jagħmlu l-mandat sħiħ ta' 3 snin qabel ma jilħqu l-età regolari tal-irtirar li, għall-aġenti temporanji tal-Unjoni Ewropea, hija ddefinita bħala l-aħħar tax-xahar li fih il-persuna tagħlaq is-66 sena (ara l-Artikolu 47 tal-Kundizzjonijiet tal-Impieg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra)[5].

[1] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A01962R0031-20140501

[2] L-esperjenza professjonali titqies biss jekk tirrappreżenta relazzjoni ta' ħidma konkreta li tkun definita bħala ħidma reali u ġenwina, bi ħlas u bħala impjegat (kull tip ta' kuntratt) jew fornitur ta' servizz. L-attivitajiet professjonali li jkunu saru fuq bażi part-time għandhom jiġu kkalkulati pro rata, fuq il-bażi tal-persentaġġ iċċertifikat ta' sigħat full-time li jkunu nħadmu. Il-leave tal-maternità/parentali/għall-adozzjoni jitqies jekk ikun fil-qafas ta' kuntratt ta' xogħol. Id-dottorati (PhDs) huma assimilati mal-esperjenza professjonali, anki meta mhux bi ħlas, iżda għal perjodu ta' mhux aktar minn 3 snin, dment li d-dottorat ikun tlesta b'suċċess. Kull perjodu jista' jingħadd darba biss.

[3] http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:01958R0001-20130701&qid=1408533709461&from=MT

[4] http://legilux.public.lu/eli/etat/leg/loi/1984/02/24/n1/jo

[5] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A01962R0031-20140701

<u>Proċess tal-għażla</u>

L-għażla se ssir skont il-proċeduri tal-għażla tal-Kummissjoni Ewropea (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Ġunju 2016 dwar il-persunal tal-maniġment intermedju C (2016) 3288)[6].

Se jkun hemm żewġ stadji separati tal-proċedura, wieħed wara l-ieħor:

1. **Prekwalifikazzjoni**

Bħala parti minn din il-proċedura tas-selezzjoni, il-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi bord tal-preselezzjoni.

Il-bord tal-preselezzjoni huwa magħmul f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Ġunju 2016 dwar il-persunal tal-maniġment intermedju C(2016) 3288.

Dan il-bord janalizza l-applikazzjonijiet kollha, jipproċedi bl-ewwel verifika tal-eliġibbiltà u jidentifika l-kandidati li jkollhom l-aħjar profil fid-dawl tal-kriterji tas-selezzjoni msemmija hawn fuq, u li jkunu jistgħu jiġu mistiedna għal intervista mal-bord tal-preselezzjoni.

Sabiex il-bord tal-preselezzjoni jkun jista' jiddeċiedi dwar l-ammissjoni tal-applikazzjonijiet, **il-kandidati huma mitluba jindikaw b'mod ċar fis-CV:**

- <u>għall-istudji:</u> id-data tal-bidu u tat-tmiem, it-tul normali taċ-ċiklu sħiħ u t-titolu eżatt tad-diploma miksuba;
  <u>għall-esperjenzi professjonali:</u> id-data tal-bidu u tat-tmiem ta' kull esperjenza u n-natura eżatta tal-funzjonijiet, l-għadd ta' persunal u d-daqs tal-baġit ġestiti.

2. **Għażla**

Wara l-intervisti, il-bord tal-preselezzjoni jfassal il-konklużjonijiet tiegħu u jipproponi lista ta' kandidati għal intervista finali mad-Direttur Ġenerali u r-Rapporteur maħtura għall-proċedura tal-għażla sabiex jiġu vvalutati u mqabbla b'mod oġġettiv u imparzjali abbażi tal-kwalifiki, l-esperjenza professjonali u l-għarfien tal-lingwi tagħhom, kif stabbilit f'dan l-avviż. Ir-Relatur jiżgura t-trasparenza u l-proċess dovut matul il-proċedura.

Il-kandidati li jissejħu għal intervista finali jipparteċipaw f'valutazzjoni tal-maniġment ta' ġurnata sħiħa f'ċentru mmexxija minn konsulenti esterni. Filwaqt li jqis ir-riżultati tal-intervista u r-rapport taċ-ċentru ta' valutazzjoni, huwa d-Direttur Ġenerali li jieħu d-deċiżjoni finali tal-ħatra.

<u>*Dokumenti ta' sostenn*</u>

Il-kandidati jistgħu jintalbu jipprovdu, fi kwalunkwe mument tal-proċedura, id-dokumenti ta' sostenn uffiċjali li ġejjin li jikkonfermaw l-informazzjoni ddikjarata fis-CV u fl-ittra ta' motivazzjoni tagħhom.

- Kopja ta' dokument li jagħti prova taċ-ċittadinanza (karta tal-identità jew passaport);
- Kopja tad-diploma/i jew taċ-ċertifikat(i) tal-livell ta' edukazzjoni meħtieġ;
- Ċertifikati tal-impjieg li jixhdu d-durata tal-esperjenza professjonali.

[6] https://commission.europa.eu/document/download/1d27d710-8c90-45d0-b9ef-6f4551a62a53_en?filename=european-commission-decision-on-middle-management-staff_3288_c_2016_en.pdf

Dawn id-dokumenti jridu juru, b'mod ċar, id-data tal-bidu u tat-tmiem u l-kontinwità ta' kull wieħed mill-perjodi ta' esperjenza professjonali li għandhom jingħaddu għal din il-proċedura tal-għażla. Għal dan l-għan, il-kandidati għandhom jippreżentaw iċ-ċertifikati tal-impjieg mingħand l-impjegaturi tagħhom fl-imgħoddi u mingħand l-impjegaturi attwali. Fejn dan mhux possibbli, jiġu aċċettati l-kopji tad-dokumenti li ġejjin, pereżempju: kuntratti tal-impjieg, flimkien mal-ewwel u l-aħħar dikjarazzjoni tas-salarju u d-dikjarazzjoni tas-salarju tal-aħħar xahar għal kull sena intermedja fil-każ ta' kuntratt ta' aktar minn sena, ittri uffiċjali jew atti ta' ħatra, flimkien mal-aħħar dikjarazzjoni tas-salarju, ir-rekords tal-impjieg, u d-dikjarazzjonijiet tat-taxxa.

Jekk ma jagħtux dawn id-dokumenti sal-iskadenza stabbilita fit-talba, jistgħu jiġu esklużi mis-selezzjoni.

Il-kandidati mistiedna għall-intervista finali se jintalbu jagħmlu dikjarazzjoni ta' impenn li jaġixxu b'mod indipendenti fl-interess pubbliku u li jiddikjaraw kwalunkwe interess, li jista' jitqies li jippreġudika l-indipendenza tagħhom.

<u>Ħatra</u>

Il-persuna magħżula trid tkun wettqet kull obbligu impost mil-liġi dwar is-servizz militari, tipproduċi r-referenzi adattati dwar il-karattru rigward l-idoneità tagħha għat-twettiq tad-dmirijiet tagħha, u għandha tkun fiżikament f'saħħitha biex twettaq id-dmirijiet tagħha.

Il-persuna magħżula jenħtieġ li jkollha, jew tkun f'pożizzjoni, li tikseb ċertifikat validu ta' approvazzjoni tas-sigurtà mingħand l-awtorità tas-sigurtà nazzjonali tagħha. Approvazzjoni ta' sigurtà personali hija deċiżjoni amministrattiva wara investigazzjoni ta' sigurtà mwettqa mill-awtorità tas-sigurtà nazzjonali kompetenti tal-persuna f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali applikabbli tas-sigurtà, u li tiċċertifika li persuna tkun tista' tingħata aċċess għal informazzjoni klassifikata sa livell speċifikat. (Kun af li jista' jingħata bidu għall-proċedura meħtieġa biex tinkiseb l-approvazzjoni tas-sigurtà wara li ssir talba minn min iħaddem biss, u mhux mill-persuna interessata).

Sakemm l-approvazzjoni tas-sigurtà personali ma tkunx għadha ngħatat mill-Istat Membru kkonċernat u l-proċedura ta' awtorizzazzjoni ma tkunx kompluta bl-informazzjoni legalment meħtieġa mid-Direttorat tas-Sigurtà tal-Kummissjoni Ewropea, il-persuna interessata ma tkunx tista' taċċessa l-Informazzjoni Klassifikata tal-UE (EUCI, EU Classified Information) fil-livell ta' CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL jew ogħla, u lanqas tattendi laqgħat li fihom tiġi diskussa tali EUCI.

Opportunitajiet indaqs

F'konformità mal-Artikolu 1d tar-Regolamenti tal-Persunal, il-Kummissjoni Ewropea għandha l-objettiv strateġiku li tikseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-livelli kollha tal-maniġment u tapplika politika ta' opportunitajiet indaqs li tinkoraġġixxi l-applikazzjonijiet li jistgħu jikkontribwixxu għal aktar diversità, ugwaljanza bejn il-ġeneri u bilanċ ġeografiku kumplessiv.

Kundizzjonijiet tal-impjieg

Il-kandidati magħżula jistgħu jiġu offruti kuntratt temporanju skont l-Artikolu 2(b) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea (CEOS) f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Lulju 2025 C(2025) 4716 li tipprovdi dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni għall-ingaġġar u l-użu tal-aġenti temporanji[7].

---

[7] https://commission.europa.eu/document/download/a0c42654-bd5d-4fa6-8fba-613603da63f5_en?filename=commission-decision-temporary-agents-c-2013-9049-en.pdf

It-tul tal-kuntratt inizjali se jkun ta’ 3 snin[8], u jista’ jiġġedded darba għall-massimu ta’ sentejn.

It-tul massimu tal-kuntratt se jqis ukoll id-dispożizzjonijiet rilevanti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta’ April 2004 C(2004)1597/6 dwar it-tul massimu ta’ rikors għall-persunal mhux permanenti (seba’ snin tul perjodu ta’ tnax-il sena), kif emendat.

Is-salarji u l-kundizzjonijiet tal-impjieg huma stipulati fir-Regolamenti tal-Persunal.

Il-kandidati magħżula jiġu ingaġġati bħala aġenti temporanji fil-grad AD13 u jiġu kklassifikati fl-iskala 1 jew fl-iskala 2 f’dak il-grad skont it-tul tal-esperjenza professjonali preċedenti.

L-applikanti għandhom jieħdu nota tar-rekwiżit skont ir-Regolamenti tal-Persunal għall-persunal ġdid kollu li jrid itemm b’suċċess perjodu ta’ prova ta’ disa’ xhur.

POST TAL-IMPJIEG: Il-Lussemburgu

LIVELL: AD13

Indipendenza u dikjarazzjoni tal-interessi

Qabel ma jibda jaqdi dmirijietu, il-kandidat magħżul jintalab jagħmel dikjarazzjoni ta’ impenn li jaġixxi b’mod indipendenti fl-interess pubbliku u jiddikjara kull interess li jista’ jitqies bħala li jippreġudika l-indipendenza tiegħu.

Informazzjoni importanti għall-kandidati

Il-kandidati huma mfakkra li x-xogħol tal-bordijiet tas-selezzjoni huwa kunfidenzjali. Il-kandidati ma jistgħux jagħmlu kuntatt dirett jew indirett mal-membri individwali tagħhom, u dan lanqas ma jista’ jsir f’isimhom minn xi ħadd ieħor. Kull mistoqsija għandha tiġi indirizzata lis-segretarjat tal-bord rilevanti.

Protezzjoni tad-data personali

Il-Kummissjoni tiżgura li d-data personali tal-kandidati tkun ipproċessata kif meħtieġ mir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9]. Dan japplika b’mod partikolari għall-kunfidenzjalità u għas-sigurtà ta’ tali data.

Proċedura ta’ applikazzjoni

Qabel ma tissottometti l-applikazzjoni tiegħek, għandek tiċċekkja b’attenzjoni jekk tissodisfax ir-rekwiżiti kollha tal-eliġibbiltà (“Kundizzjonijiet ta’ ammissjoni”), b’mod partikolari rigward it-tipi ta’ diploma, l-esperjenza professjonali kif ukoll il-kapaċità lingwistika meħtieġa. Kwalunkwe persuna interessata li ma tissodisfax xi wieħed mir-rekwiżiti ta’ eliġibbiltà tiġi awtomatikament eskluża mill-proċedura tas-selezzjoni.

Jekk tkun trid tapplika, trid tirreġistra permezz tal-internet fis-sit web li ġej u ssegwi l-istruzzjonijiet li jirrigwardaw id-diversi stadji tal-proċedura:

https://europa.eu/!NCKMBd

[8] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32008D3983&qid=1730318678690

[9] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta’ persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta’ tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

Irid ikollok indirizz tal-posta elettronika validu. Dan jintuża biex tiġi kkonfermata r-reġistrazzjoni tiegħek kif ukoll biex jibqa' jsir kuntatt miegħek matul l-istadji differenti tal-proċedura. Għaldaqstant, żomm lill-Kummissjoni Ewropea infurmata b'kull bidla fl-indirizz tal-posta elettronika tiegħek.

Biex timlew l-applikazzjoni tagħkom, meħtieġa:

a) tipprovdu format PDF tal-***Curriculum Vitae*** **(CV)**, preferibbilment bl-użu tal-format tas-CV tal-Europass[10];

b) biex timla, online, **ittra ta' motivazzjoni** (massimu ta' 8 000 karattru).

Is-CV u l-ittra ta' motivazzjoni tiegħek jistgħu jintbagħtu bi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Huwa fl-interess tiegħek li tiżgura li l-applikazzjoni tiegħek tkun preċiża, dettaljata u veritiera.

Ladarba tkun lestejt ir-reġistrazzjoni online tiegħek, tirċievi ittra elettronika li tikkonferma li l-applikazzjoni tiegħek ġiet irreġistrata. **Jekk ma tirċevix ittra elettronika ta' konferma, l-applikazzjoni tiegħek ma tkunx ġiet irreġistrata!**

Kun af li mhuwiex possibbli li ssegwi l-progress tal-applikazzjoni tiegħek online. Il-Kummissjoni Ewropea tikkuntattjak direttament rigward l-istatus tal-applikazzjoni tiegħek.

L-applikazzjonijiet li jintbagħtu b'ittra elettronika ma jiġux aċċettati. Jekk tkun teħtieġ iktar informazzjoni u/jew tiltaqa' ma' problemi tekniċi, ibgħat ittra elettronika lil: HR-MANAGEMENT-ONLINE@ec.europa.eu

Hija r-responsabbiltà tiegħek li timla r-reġistrazzjoni online fil-ħin. Nagħtuk parir li ma tħallix għall-aħħar jiem biex tapplika, minħabba li traffiku qawwi fuq l-internet jew xi problema fil-konnessjoni tal-internet tiegħek jistgħu jwasslu biex ir-reġistrazzjoni online tintemm qabel ma tkun lestejtha, u b'hekk ikollok tirrepeti l-proċess kollu. Ladarba tiskadi d-data tal-għeluq biex jintbagħtu r-reġistrazzjonijiet, inti ma tkunx tista' ddaħħal iktar data. Ir-reġistrazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux aċċettati.

Data tal-għeluq

Id-data tal-għeluq għar-reġistrazzjoni hija **l-24/06/2026, 12.00 nofsinhar, ħin ta' Brussell**, u wara din id-data ma jkunx iktar possibbli li tirreġistra.

[10] Tista' ssib informazzjoni dwar kif toħloq l-Europass CV tiegħek online hawnhekk: https://europa.eu/europass/mt/create-europass-cv